**QORTI CIVILI**
**PRIM' AWLA**

**ONOR. MHALLEF**
**JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar il-Hamis 21 ta' Jannar 2016**

**Kawza Numru : 12**
**Rikors Numru : 701/2015 JPG**

**Bank of Valletta p.l.c. (C 2833)**

**VS**

**Francis Cassar**
**(K.I. numru 515465 (M))**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors guramentat ta' Joseph Caruana ghan nom u in rapprezentanza tas-socjeta' rikorrenti Bank of Valletta p.l.c. tal-20 ta' Lulju 2015 li jaqra hekk:

1. *"Illi bit-termini u kundizzjonijiet imsemmija f'erba' skritturi privati, wahda minnhom datata 9 ta' Frar 2009 (Dok."A"), ohra datata 27 ta' Frar 2010 (Dok. "B") ohra datata 30 ta' Gunju 2010 (Dok. "C") u ohra datata 13 ta'Ottubru 2010 (Dok. "D") fejn is-socjeta' attrici ikkoncediet facilitajiet bankarji lil Francis Cassar.*

2. *Illi s-socjeta' attrici tinsab kreditrici ta' Francis Cassar fis-somma ta' erbghin elf, disa' mija u erbgha u sittin Ewro u tlett centezmi (€40,964.03) bilanc ghad-*debitu *fil-"Consumer Loan, Credit Card Loan u*

*Loan Acccounts" ta' Francis Cassar mal-*Bank of Valletta p.l.c *(Dok."E", Dok."F", Dok."G", Dok."H1" sa H2", Dok."I1" sa I3), flimkien mal-imghax ulterjuri mit-23 ta' Gunju 2015 sad-data ta' l-effettiv pagament.*

3. *Illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fl-iskritturi privati fuq imsemmija (u hawn ezebiti bhala Dok. "A" "B", "C" u "D"), partikolarment imma mhux esklussivament , billi Francis Cassar:*

   *(a) Naqas milli jhallas l-pagamenti dovuti lis-socjeta' mittenti kif stipulat fl-imsemmija skritturi;*

   *(b) Kien inadempjenti f'obbligi ohra minnu assunti fl-istess skritturi privati, u/jew ;*

   *(c) Hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi ta' l-istess Francis Cassar li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibilita' tal-hlas lura ta' l-imsemmi debitu dovut lis-socjeta' attrici.*

4. *Illi l-attur nomine jaf bil-fatti fuq imsemmija personalment.*

5. *Illi l-konvenut Francis Cassar gie interpellat permezz ta' ittra ufficjali datata 13 ta' Mejju 2015, li kopja taghha qed tigi hawn ezibita u mmarakta Dok "J", sabiex jithallas id-dejn fuq imsemmi, izda dan baqa' inadempjenti u ghal din ir-raguni kellha ssir din il-kawza.*

*Ghaldaqstant, wara li jsiru d-dikjarazzjonijiet necessarji u li jinghataw il-provvedimenti opportuni, jghidu l-konvenut ghaliex m'ghandhiex din il-Qorti Tilqa' t-talbiet tas-socjeta' attrici li qeghda hawn titlob li Din il-Qorti Joghgobha:*

6. *Tiddikjara u Tiddeciedi illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fl-iskritturi privati imsemmija (u hawn ezebit bhala Dok "A" "B", "C" u "D"), partikolarment imma mhux esklussivament , billi Francis Cassar:*

*(a) Naqas milli jhallas l-pagamenti dovuti lis-socjeta' mittenti kif stipulat fl-imsemmija skritturi privati ;*

*(b) Kien inadempjenti f'obbligi ohra minnu assunti fl-istess skritturi sopraindikati u/jew ;*

*(c) Hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi ta' l-istess Francis Cassar li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibilita' tal-hlas lura ta' l-imsemmi debitu dovut lis-socjeta' attrici, u*

1. *Tikkundanna lil Francis Cassar ihallas lis-socjeta' attrici is-somma ta' erbghin elf, disa' mija u erbgha u sittin Ewro u tlett centezmi (€40,964.03) bilanc ghad-debitu fil-"Consumer Loan, Credit Card Loan u Loan Acccounts" ta' Francis Cassar mal-Bank of Valletta p.l.c (Dok."E", Dok."F", Dok."G", Dok."H1" sa H2", Dok."I1" sa I3), flimkien mal-imghax ulterjuri mit-23 ta' Gunju 2015 sad-data ta' l-effettiv pagament*

*Bl-ispejjez komprizi dawk ta' l-ittra ufficjali datata 13 ta' Mejju 2015 u tal-Mandat ta' Sekwestru, li qed jigi prezentat kontestwalment kontra l-konvenut li huwa ngunt minn issa sabiex jidher ghas-subizzjoni."*

Rat illi ir-rikors promotur, d-digriet u l-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati lill-intimat;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-digriet tagħha tas-7 ta' Dicembru 2015, li bih akkordat lill-intimat terminu gimaghtejn zmien sabiex iressaq s-sottomissjonijiet, għall-finijiet tal-Artikolu 158(10) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat li l-intimat ma ressaq ebda sottomissjoni;

Rat d-dokumenti u l-atti kollha tal-kawża;

**Ikkonsidrat:**

Il-Qorti rat u ezaminat il-provi dokumentari prodotti mill-bank attur u cioe':-

- Kopja tal-iskrittura privata datata 9 ta' Frar 2009, a fol 4, permezz ta' liema is-socjeta rikorrenti ikkoncediet lill-intimat facilita ta' self fis-somma ta' tmintax -il self Ewro (€18,000) pagabbli f'hames snin permezz ta' sittin pagamenti mensili.

- Kopja tal-iskrittura privata datata 27 ta' Frar 2010, a fol 8, permezz ta' liema is-socjeta rikorrenti ikkoncediet lill-intimat facilita ta' self addizzjonali fis-somma ta' disat' elef u hames mitt self Ewro (€9,500) pagabbli f'hames snin permezz ta' sittin pagamenti mensili.

- Kopja tal-iskrittura privata datata 3- ta' Gunju 2010, a fol 13, permezz ta' liema gew mgedda il-facilitajiet ta' self imsemmija.

- Kopja tal-iskrittura privata datata 13 ta' Ottubru 2010, a fol 18, permezz ta' liema is-socjeta rikorrenti ikkoncediet lill-intimat facilita ta' self ulterjuri, fis-somma ta' tlett elef Ewro (€3,000) pagabbli fi tliet snin permezz ta' sitta u tletin pagamenti mensili.

- Kopja tal-istatement tal-kont numru 40018860739, a fol 23, li juri illi s-socjeta rikorenti hija dovuta mir-rikorrenti is-somma ta' €10,638.69, rapprezentanti is-somma ta' €8,049.51 bhala kapital u €2,589.18 bhala interessi.

- Kopja tal-istatement tal-kont numru 40019386241, a fol 24, li turi li s-socjeta rikorrenti hija dovuta mir-rikorrenti is-somma ta' €3,360.50, rapprezentanti is-somma ta' €2,542.64 bhala kapital u €817.86 bhala interessi.

- Kopja tal-istatement tal-kont numru 40020534095, a fol 25, li turi li s-socjeta rikorrenti hija dovuta mir-rikorrent is-somma ta' €9,253.34 rapprezentanti is-somma ta' €7,238.47 bhala kapital u €2,014.87 bhala interessi.

- Kopja tal-istatement tal-kont numru 40017948092, a fol 26, li turi li s-socjeta rikorrenti hija dovuta mir-rikorrenti is-somma ta' €15,163.83 rapprezentanti is-somma ta' €11,380.04 bhala kapital u €3,783.79 bhala interessi.

- Kopja tal-istatement tal-kont numru 40020534299, a fol 27-28, li turi lis-socjeta rikorrenti hija dovuta mir-rikorrenti is-somma ta' €2,547.67, rapprezentanti is-somma ta; €1,9992.93 bhala kapital u €554.74 bhala interessi.

- Kopja legali tal-ittra ufficjali datata 13 ta' Mejju 2015 a fol 32, mibghuta lill-intimat mis-socjeta rikorrenti.

In vista tan-nota ta' amissjoni prezentata mill-intimat, li tinsab a Fol 41 tal-process, il-Qorti tqis illi t-talbiet tas-socjeta rikorrenti ghandhom jigu milqugha.

Fin-nota ta' amissjoni tieghu, l-intimat talab lil Qorti tikkoncedilu terminu ghal hlas, peress li huwa pensjonant u ma jistax ihallas iktar minn €50 fix-xahar. Il-Qorti taghraf illi ghandha tichad it-talba tal-intimat, peress illi bi hlas mensili ta' €50, l-intimat ikun jehtieglu tmienja u sittin (68) sena biex ihallas l-ammont reklamat mill-bank, u dan minghajr ma gew kalkolati l-interessi bit-tmienja fil-mija (8%) ulterjuri sad-data tal-pagament effettiv.

Il-Qorti rat ukoll illi r-rata t'interessi bit-tmienja fil-mija (8%) gia giet kalkolata mid-data tal-*call in* sat-22 ta' Gunju 2015.

**Ghal dawn il-mottivi , l-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet tal-bank attur, bl-ispejjez u bl-imghax kif mitluba kontra l-intimat Francis Cassar**

**Moqrija.**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**